# Librerija ta' Dokumenti ġdida issa aċċessibbli għal kulħadd

**Il-kampanja ta' Informazzjoni ta' l-UE "Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni." nidiet librerija unika, multi-lingwi, fuq l-internet dedikata għat-tema tad-Diversità. L-librerija hija karatterizzata minn rapporti ta' ġrajjiet, dokumenti legali u dokumenti b'pariri mill-Ewropa kollha li jkopru s-suġġett tad-Diskriminazzjoni u d-Diversità għal raġunijiet ta' razza u oriġni etnika, reliġjon jew twemmin, orjentament sesswali, età u diżabilità.**

Il-Librerija ta' Dokumenti hija ġabra ta' data ta' dokumentazzjoni unika u interattiva fuq l–internet dwar l-anti-Diskriminazzjoni fl-Ewropa. Fiha dokumenti fl-20 lingwa ta' l-UE kollha, u l-magna tat-tiftix tagħha tagħti ċans lil min jużaha biex ifittex f'kull waħda minn dawn il-lingwi.

Min jużaha jista' jkollu aċċess għal dokumenti billi jdaħħal kelma-kjavi u mbagħad it-tiftix jista' jkun aktar speċifikat bil-għażla ta' oqsma bħalma huma s-suġġett, il-lingwa, il-post tal-pubblikazzjoni, id-data u t-tip ta' dokument. Dokumenti li huma diġà fil-websajt jinkludu dokumenti ta' l-UE u rapporti u pubblikazzjonijiet oħra miġburin sa minn meta l-kampanja ta' Informazzjoni ta' l-UE "Għad-Diversità. Kontra d-Diskriminazzjoni." bdiet fl-2003.

Il-librerija se tkun aġġornata l-ħin kollu u hija unika għaliex tagħti ċans lil dawk li jużawha li jdaħħlu fiha dokumenti li jħossu li huma interessanti u rilevanti. L-uniku rekwiżit hu li d-dokument ikollu x'jaqsam mas-suġġett tad-Diskriminazzjoni jew Diversità. Fajls PDF, Word jew ATW kollha jkunu aċċettati, u min juża l-websajt għal dan l-iskop jintalab jikteb deskrizzjoni qasira u jinkludi d-dettalji ta' kif jista' jkun ikkuntattjat fil-każ li l-koordinatur ikun jeħtieġ aktar informazzjoni. Il-koordinaturi jitolbu l-permess ta' kull awtur qabel ma l-artikli jkunu ppubblikati fuq il-websajt.